**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022**

**Talba Nru: 25/2022MD**

**Matthew Micallef (ID 124782) ezercenti l-kummerc bhala My Property Mangement fil-kapacita' tieghu ta' amministratur ta' Greystone Court Association**

**Vs**

**Charles Falzon (ID 261603L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2022[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' erbat'elef, u tmienja u ghoxrin Euro (€4,028.00) rapprezentanti kontribuzzjonijiet u arretrati ghal amministrazzjoni tal-partijiet komuni ta' Greystone Court, San Giljan; bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-hlas effettiv.

Ra l-fattura[2] annessa mal-istess avviz.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 4 *et seq* tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-24 ta' Frar, 2022.

Ra l-Kapitolu[3] li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tat-24 ta' Frar, 2022 u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tal-lum.

Ra x-xhieda ta' Dr. Nicole Vassallo[4], rapprezentanti legali tal-attur fejn ikkonfermat li l-ammont ta' erbat'elef, u tmienja u ghoxrin Euro (€4,028.00) ghadu dovut u ilu dovut mit-3 ta' Gunju, 2021[5].

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut rapprezentanti kontribuzzjonijiet u arretrati ghal amministrazzjoni tal-partijiet komuni ta' Greystone Court, San Giljan, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Nicole Vassallo in rapprezentanza tal-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess attur s-somma ta' erbat'elef, u tmienja u ghoxrin Euro (€4,028.00) rapprezentanti kontribuzzjonijiet u arretrati ghal amministrazzjoni tal-partijiet komuni ta' Greystone Court, San Giljan; bl-imghax legali mit-3 ta' Gunju 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[3] *A fol* 11 tal-process.
[4] *A fol* 10 tal-process; verbal datat 24 ta' Frar, 2022.
[5] *Vide* fattura prezentata, *a fol* 4 *et seq* tal-process.